MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIO MERCIECA**

Seduta tad-19 ta' Dicembru, 2003

Talba Numru. 31/2003

**Caruana & Cini Company Limited**

**vs**

**Reggie Vella
Richard Nightingale**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Illi l-konvenuti xtraw f'diversi okkazjonijiet kwantita ta' accessorji tal-bini minghand is-socjeta' attrici.

Illi mill-prezz ta' dawn l-akkwisti ghada dovuta lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija u sittax il-lira Maltija u tnejn u tletin centezmu (Lm716.32).

Illi minkejja diversi interpellazjonijiet u minkejja diversi promessi l-hlas baqa’ ma sarx.

Illi qed jintalab li l-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallas dan il-bilanc flimkien ma’ l-imghax mid-data ta’ l-ahhar konsenja cioe’ fi Frar 2001 sad-data tal-hlas effettiv u flimkien ukoll ma’ l-ispejjes ta’ dawn il-proceduri u dawk tal-ittra interpellatorja datata 20 ta’ Gunju 2002 u tal-ittra ufficjali spedita f’Lulju 2002.”

Ra r-risposta tal-konvenut  Reggie Vella:

“Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenut Reggie Vella:

Jeccepixxi bil-qima:-

1. Illi il-konvenut Reggie Vella huwa lest illi jhallas dak l-ammont li huwa dovut minnu skond kif johrog mill-invoices u delivery notes pero’ mhuwiex lest ihallas ammonti li ms jirraprezentawx debiti assunti minnu personalment;

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.”

Ra r-risposta tal-konvenut Richard Nightingale:

“Illi t-talbiet tas-socjeta’ attrici fil-konfront tal-konvenut Richard Nightingale huma nfondati fid-dritt u fil-fatt stante illi l-konvenut ma fadallu l-ebda bilanc pendenti u dan peress illi huwa dejjem hallas ghall-materjal akkwistat minnu.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-konvenut diga ghandu ftehim mal-konvenut l-iehor Reginald Vella dwar xoghol li dan ghamel fil-fond 48 Triq San Pawl, Munxar.”

Sema’ l-provi;

Ikkunsidra:

Illi ma kienx hemm kontestazzjoni dwar l-ammont ta' LM716.32 mitlub mis-socjeta' attrici; l-unika kontestazzjoni kienet pjuttost bejn iz-zewg konvenuti dwar min minnhom kellu jhallas parti minn dan l-ammont. Filwaqt li Vella wera ruhu dispost li jhallas LM596.45 minn dan il-kont, huwa rrifjuta li jhallas il-bilanc ta' LM120 ghax sostna li dawn kellu jhallashom il-konvenut l-iehor Nightingale, billi dawn kienu oggetti li bint Nightingale, mart Vella sussegwentement minnu sseparata, ordnat ghal esibizzjoni artistika, u li Nightingale kien accetta li jassumi r-responsabilita' ghalihom. Fil-process gie esibit ftehim bejn iz-zewg konvenuti li permezz tieghu il-konvenuti issaldaw il-pretenzjonijiet li kellhom kontra xulxin, pero' dan kien jirrigwarda biss debiti li jirrigwardaw dar proprjeta' ta' Nightingale u li ghal xi zmien serviet bhala d-dar konjugali ta' Vella u martu u ghalhekk jidher li t-tilwima prezenti thalliet impregudikata. Anke fil-mori tal-kawza, Nightingale tenna li kien lest ihallas jekk kemm-il darba jirrizulta li l-invoices kienu jappartjenu ghall-esibizzjoni ta' bintu.

Filwaqt li ma jirrizultax lit-Tribunal kif Vella wasal ghall-ammont ta' LM120; Nightingale innifsu iccita sitt invoices bhala li kienu jappartjenu ghal xoghol ordnat minn bintu li jammontaw ghal LM96.04.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tal-attur u jikkundanna lill-konvenut Reggie Vella jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' LM620 bl-imghax legali mid-data tal-ahhar konsenja fi Frar 2001 sad-data tal-effettiv pagament filwaqt li jikkundanna lill-konvenut Richard Nightingale ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' LM96.04c bl-imghax legali mid-data tal-ahhar konsenja fi Frar 2001 sad-data tal-effettiv pagament. Spejjez jithallsu 6/7 mill-konvenut Reggie Vella; 1/7 mill-konvenut Richard Nightingale.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------